KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGĦA URĠENTI NUMRU 20**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

Il-Tlieta 22ta' Lulju, 2025.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tlieta, 22 ta' Lulju, 2025, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg –
Sindku Noel Mizzi – Viċi Sindku
Rene Abela – Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Jevon Attard - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 20.1 Talba;

20.1.1 Talba fil-bidu tal-laqgħa

## 20.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

19.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 20.3 Approvazzjoni tal-minuti;

19.3.1 Il-minuti ta' l ahhar laqgħa numru 19 ġiet iċċirkolata minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Ġew approvati unanimament.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 19.4 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;

19.4.1 L-iskeda tal-pagamenti ġiet iċċirkolata minn qabel u għalhekk ittieħdet bħala moqrija. Ġew approvati unanimament.

## 19.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;

19.5.1 Is-Sindku ta' Merhba lis-Segretarju Ezekuttiv il-gdid, Jevon Attard, waqt li irringrazzja lil Agent Deputat Segretarju Ezekuttiv Snr Monalita Manicaro tax-xoghol li ghamlet. Is- Sindku kompla biex flimkien inharsu l quddiem ghal hidma fl-interess tal-Qalin.

19.5.2 Bi pjacir, is-Sindku informa lill-Kunsill li mir-reġjun, flimkien mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali immexxi minn l-Onor. Alison Zerafa Civelli gew approvati l-extras li ghamilna fit- toilets taht l-iskema lattrini awtomatici li huma tabelli, mirja, zewg kaxxi stainless steel, perit, injam, zebgha, madum, tender doc, xoghol ta' Ellis, bieb ghall istore t' isfel, shelving, brix u sealing tal-faccata flimkien ma l-Evalwazzjoni tat-tender li gew jammontaw ghal €9, 563.85.

19.5.3 Is-Sindku informa ukoll lill-Kunsill rigward il-qtugh tal-haxix, il kuntrattur li kellimna sabiex jaqta' l haxix u jiknes mill-knisja tal-kuncezzjoni sal-wied, talabna €850. Is- Sindku hass li kienet talba gholja u ma aċċettax.

19.5.4 Fuq nota differenti is-Sindku informa lill kunsill li l-attivita tal-ispinning kienet ta' success u din is sena attendew partecipanti minn 26 pajjiz. Zied jghid li sema' li s-sena li gejja ser jizdiedu bi 3 pajjizi ohra.

19.5.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li r-registrazzjoni tal-van tal-kommunita ser isir dalwaqt. Qal li diġà beba il-komunikazzjoni mas-segretarju il-gdid ghax mieghu ser ikun bzonn ta driver sew ghall van u anke ghat truck billi nistghu niġu bżonnhom matul l weekend. Is- Sindku ippropona li tohrog sejha ghal zewg jew tlett drivers, sabiex dejjem ikun hemm xi hadd *'available'.* Il-kunsillier Karl Buttigieg ġibed l attenzjoni sabiex ma' jintefax piz finanzarju fuq il-kunsill u is-Sindku iklarifika li dan ikun *'part-timer'* u jithallas bis-siegha skond il bżonn. Is-Sur Buttigieg zied, li ghanda tinhareg sejha u jsir interview, kif normalment dejjem isir. Is sindku kompla li la darba tasal din il-van, nergghu nohorgu is-sejha ghall-kiri ta' *garage* jew *garages* ghall dawn iz-zewg vetturi tal-kommunita. Rigward l-insurance tal-van is-Sinkdu ippropona li tkun wahda fully comprehensive u il-kunsill approva unanimament.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

19.5.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li inghatajna stima ta'€256 minghajr VAT ghad-*display* tal-mappa. Qed nistennew zewg stimi ohra sabiex immexxu bl-irhas. Kompla jghid li d-*display* ser jkollha bieba minn wara . Din giet approvata mill-kunsill.

19.5.7 Is-Sindku tenna li l-mosiac ta' Merhba Qala qorob biex jkun lest.

19.5.8 Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-siggijiet waslu, mija u sittin (160) u li ser ikunu fil-kamra li kienet tintuza bhala berga. Ser isir timbru tal hadid u li jissahhan, sabiex jiġu immarkati, biex b'hekk jkun aktar diffiċli li jinsterqu. Il-kunsillier Karl Buttigieg saqsa jekk l-ghaqdiet tal-Qala jistghux juzawhom. Gie ikkonfermat li iva jistghu jintghalbu u jintuża mill-ghaqdiet Qalin b'xejn basta jiġu ir-ritornati lura kollha u minghajr hsara.

19.5.9 Is-Sindku tkellem dwar il-jiem tal-festa u li preparazzjonijiet minn nahha tal-kunsill ilhom ghaddejjin. Hu fahhar lill-iskrivana li ghamlu xoghol siewi biex hejjew il programm ghal-Lejla Ghawdxija li ser issir nhar il-Hadd 27 ta' Lulju. Tenna li il ġurnata ta wara l laqgha ser isir il-hasil tal-pjazza u bhas-soltu ser titnaddaf d-dawra tal purcissjoni bil-limitazzjonijiet kollha taghna.

19.5.10 Is-Sindku spjega qed ikollna telefonati minn resident li saret hsara fid-dranagg ta barra tar-residenza tieghu meta saret il-katusa fi triq il-Kuncizzjoni xi snin ilu. Is-Sindlu jghid li jahseb gust u fair li nirrangawiehulu spejjez tal-kunsill peress li l hsara originarjament saret mill-kunsill. Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab li ghandi tingab stima tal-hsara qabel isir ix-xoghol u tghaddi mill-kunsill. Il-kunsilliera Valerie Cassar Meilak sahqet li talbiet bhal dawn ġieli gew irrifjutati qabel.

19.5.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-tigrija taz-zwiemel ser issir fit- 28 ta' Lulju 2025. Spjega kif il kunsill kellu laqgha ma l-avukat tal kunsill li ta parir u ikkonferma, biex il-kunsill ma jihux ir-responsabilta tat-tigrija. Ghalhekk il-kuntratt mal-kunsill gie irtirat. Kien organizzatur tat-tigrija li iffirma dan il-kuntratt mal-Minister ghal Ghawdex u b'hekk ir-responsabilta ta xi incident taqa fuq l-organizzatur.

19.5.12 Is-Sindku informa lill-Kunsill li it tarag li inkiser hondoq, jider car li kien hemm tlett targiet li nkissru bil maltemp izda xorta qed nistennew l approvazzjoni ta l-ERA.

19.5.13 l li qed jittiehdu passi biex l-ilmenti li qed ikun hemm rigward il-gbir tat-tfal mit-transprot pubbliku fil-hin tas Summer School jiġu meghluba. Hu sostna li hu naccettabli li t-tfal ikollhom jaqsmu t-triq huma, meta din hi wahda traffikuża. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li diġà ntbghated email lil min hu konċernat dwar dan.

19.5.14 Is-Sindku spjega li rigward compliance tal kunsill ghadna niprovaw insibu soluzzjoni, pero x'aktarx Is-Sindku informa lill-Kunsilli ser jkollna nbidlu l bibien.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

19.5.15 Is-Sindku spjega li wara diversi emails lil kuntrattur, lill-enemalta u regjun rigward id-dawl tal-bozoz ta' Grunju instab li l hasra kienet minnnaha ta l enemalta. Ittihdet azzjoni u qeghdin jahdmu sew.

19.5.16 Is-Sindku kompla billi qal li sar patching madwar hames toroq fil qala fejn intuzaw aktar minn 40 xkora ta cold mix, bl ghajnuna tal haddiema ta l-MGP. Semma li ma kienx jaf bir-rapport li sar dwar hofra li kellha bżonn il-patching. Il-kunsillier Karl Buttigieg qal li dan li -ilment issemma f'xi laqghat qabel.

19.5.17 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm diversi ilmenti rigward il periklu li hemm fi triq ta hondoq minhabba li hemm xi qasab. Is-Sindku tenna li minnaha taghna qtajna sa mat triq u qtajna l haxix kollu bil haddiema tal MPG. Hu kompla li wiehed mis-sidien irrifjuta li jghin f din il kwistjoni u li sahansitra affronta lis-Sindku fejn intuża kliem mhux aċċettabbli. Is- Sindku qal li l-pulizija jafu bilkaz u periklu issa qieghed f'idejhom.

19.5.18 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fi triq il-Wardija inbidel il-bank u sar wiehed gdid u gew mizbura s-sigar tal-madwar.

19.5.19 Is-Sindku ghalaq billi spjega li bi thejjija ghal festa inzabru is-sigar tal pjazza. Dawn inzabru mill haddiema tal MGP. Il-kunsill ipprovda c-cherry picker u l-KFGM ghamlet l-applikazzjoni ghal dan ix-xoghol.

## 20.6 Progetti u Xoghlijiet

20.6.1 Ghaddejjin tahdidiet mal MGP rigward xoghlijiet fi t Triq ta Cassia ghal triq il-Wardija, biss qabel irid isir id-dranagg. Intqal biex issir pressjoni fuq L-MGP ghax din it-triq hila imweghda.

## 20.7 Riżoluzzjoni bin-numru 02/2025 rigward kontijiet bankarji

20.7.1 Giet iffirmata ir-Rizoluzzjoni rigward il kontijiet bankarji biex jaqghu taht is-segretarju Ezekuttiv il gdid, mis-Sindku u mill- istess Segretarju, wara qbil unanimu mill-kunsill.

## 20.8 Hatra tal-Bord tal-Evalwazzjoni għat-tender tal-iskart



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

20.8.1 Il-Qorti ddikjarat li it-Tender ta l-iskart ghandu jiġi evalwat mill-gdid. Ghadu jiġi klarifikat ghal-laqgha li jmiss, jekk l evalwazzjoni ghandiex issir mill-istess bord jew ghandux jinholoq bord gdid.

## 20.9 Festa 2025

20.9.1 Is-Sindku qal li saru xi laqghat tal-festa ma xi ghaqdiet, kif ukoll mal-ispettur u s-ssurgent konċernati fil-prezenza tal-maggoranza tal-ghaqdiet Qalin.

## 20.10 Korrispondenza, Materji Amministrattivi, Lmenti u Suġġerimenti

20.10.1 Il Kunsill approva email mid DLG rigward ċirkulari tal-Long Life LEarning. Din is sena inghata PatchWork MQF1 li ser isir kull nhar ta erba' bejn id9.00 am u nofsinhar fic-Centru Civiku, u li ser jibda minn Ottubru 2025.

20.10.2 Talba minghand is- Sur B biex tittihed azzjoni sabiex ma jintremiex aktar skart fuq ic-central Strip. Il kunsill qabel li ghanda titnaddaf, kif ukoll jinzabru is-sigar u jinghataw l-ilma.

20.10.3 Talba minghand is-Sur G sabiex jitwahhlu xi bollard qrib garage minhabba aċċess. Il-kunsill qabel li ma jistax japprova dan ghax jinholoq preċedenti u li double yellow lines ghandhom ikunu biżżejjed.

20.10.4 Talba minghand il KFGM ghal fondi biex isir festin zghir u puppet show fl-ewwel jum tan-Novena. L ammont ikun ta'madwar €500. Il-kunsill approva.

20.10.5 Email mill Kultura jekk ghandniex hsieb li nghamlu xi haġa li ghanda x taqsam ma Opera f'Ottubru. Hareg li ma kien hemm xejn pjanat.

20.10.6 L-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali bghated emejl biex tinforma lil membri tal-kunsill rigward BBQ li ser isir Malta. L-Emejl ghanda tintbghat li kull min hu konċernat.

20.10.7 L-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali bghated emejl biex tinforma lill-kunsill dwar l inizjattiva - *Blue Heart Campaign* bit tema tkun : *'Human Trafficking is Organised Crime – End the Exploitation.'* Il-membri tal-kunsill qabel li ghandna nixghelu dawl blue kif mitlub fic ċirkulari, mal-faccata tal-kunsill sabiex inqajmu kuxjenza.

20.10.8 Emajl mill OPM rigward korjisiet li ser isiru mil IPS rigward opportunitajiet ta' sponsors li ser jinghataw lill haddiema ta' l-ufficju biex jghamlu xi tipi ta korsijiet. Il kunsill qabel li nghaddu din l emejl li haddiema ta l-ufficju taghna.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

20.10.9  Emajl minn GAGF rigward fondi dwar 'Measure 3 Empowering Communities to Act as Enviormental Stewards' taht  fondi mill EU CAP Strategic Plan (LEADER) 2023-2027.  Il-kunsill qabel li nitkellmu mal perit rigward possibilità ta' ġibjun fi ġnien il-familja.

20.10.10 Emejl minghand is-Sur S, rigward id-dogwaste bin, fi triq Grunju, li qed jkun mimli b kull tip ta garbage waste iehor.  Il-kunsill qabel li ghanda titwehal tabella li tindika li ma ghandu jintefa l ebda tip ta skart, hlief dak tal klieb.  Niġbdu l attenzjoni tal Pulizija tal-kumunita rigward dan il-kaz.

20.10.11 L-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali bghated emejl biex tinforma lill-kunsill jekk hux interessat li jerga idahhal is sistema tal-hlas ta l Arms.  Il Kunsill qabel li ghalissa dan ma jsehx.

20.10.12 Emejl mir-Regjun, rigward Spelling BEE.  Gie approvat mill kunsill li ntellhuwa fuq il facebook page.

20.10.13  Email mill wasteserve, rigward 'Malta Waste Reduction Week' li ser issir bejn it 22 u it 30ta Novembru 2025.  Nipprovaw nohorgu xi idea.  Hemm award ta €1000 ghar-rebbieh.

20.10.14  Emejl mill ghaqda tan-nar, sabiex napprovawlhom li jistghu jużaw Honqod biex idahhlu in-nar tal festa tal-Qala.  Il kunsill uninament ma sab l ebda oġġezzjoni u ghanda tintbghat ittra ta' No Objection'.

20.10.15  Applikazjoni ma TM minghand is Snr E rigward parkeġġ Riservat Blue Badge.  Ghanda tintela l applikazzjoni u tinbghat TM.  Importanti li l-parkegg ghandu jsir in-nahha tal-Belveder.

20.10.16  Emejl mill-kultura rigward esebizzjoni fuq 'Il Patrun taghna' u dwar poeżija rigward il-Qala.  Il-Kunsill qabel li niehdu sehem.

## 20.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

20.11.1 Talba mill-Viċi Sindku sabiex isir Bus Bay fil-pjazza Isqof Buttigieg. U Ghandu jsir Double yellow line mal kantuniera mil kunsill il-fuq.  Nghamlu pressjoni fuq Tm ghax diġà kienet ntbghatet xi emejl.

20.11.2  Talba mill-Viċi Sindku sabiex tinzebah iz-zebra Crossing ta quddiem il-kunsill.  Emejl lil TM



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555  qala.lc@gov.mt

20.11.3 Talba mill-Viċi Sindku sabiex issir Zebra Crossing ftit il fuq mit-trejqa li tati ghal ground minhabba il periklu li jezizti. Nitolbu guidelines mit TM rigward x jista jsir in nahha ta isfel ta l istess trejqa, ghax xi tfal qed jiehdu rankatura l isfel u johrogu sa nofs it triq, minghjar ma jharsu.

20.11.4 Il-vici Sindku talab wara t-tigrija taz-zwiemel, it triq ghanda tiġi mnaddfa mill-organizzaturi.

20.11.5 Talba mill-Viċi Sindku sabiex tinqata il harruba li hemm fi triq ix Xewwieqa ghax qeda il barra u t tellef il-parkings.

20.11.6 Talba mill-Viċi Sindku dwar possibilità li BCRS issir qrib l ITS.

20.11.7 Il-kunsillier Rene informa lil kunsill sabiex jinkines il pjazza taht il bankijiet, qrib il- letter box.

20.11.8 Talba mill-kunsillier Rene, sabiex titwahhal it tabella ta' TRIQ IL QALA.

20.11.9 Talba mill-kunsillier Karl sabiex fi żmien il festa, il boroż taz żibel ningarbru bejn is-6.30 u 7.00 am u mhux aktar tard. U tenna hemx xi alternattiva ohra, Is-Sindku qal li ser jiċċekkja

20.11.10 Il-kunsillier Karl, qal li post it truck tal kunsill mhux posti fil-kantuniera ta' fejn il-kunsill ghax jaghmel blind spot. Tenna li ghanda tohrog is sejha tal garaxxijiet.

20.11.11 Il-kunsillier Karl tenna l-importanza li jitranġaw il-bankini ta-pjazza Isqof Buttigieg sa qabel il festa, ghax dawn huma ta' periklu.

20.11.12 Il-kunsillier Karl informa lil kunsill li hemm bżonn repaiting tas signs madwar il-Qala. Ghandna inkelmmu lil Anthony Briffa Fi TM.

20.11.13 Il-kunsillier Karl sahaq fuq l importanza li jinqata il haxix hazin li hawn madwar ir-rahal.

20.11.14 Il-kunsillier Karl talab li l FaceBook page tal Kunsill tkun f idejn is Segretarju Evekuttiv.

20.11.15 Il-kunsillier Karl talab li issir ittra ta referenza ghad Deputat Agent Segretarja s-Snr Monalita Manicaro.

20.11.16 Il-kunsillier Karl ressaq prposta sabiex inhalsu ghal Cherry picker u l KFGM jghamel light Pruning. Is-sindku qal li ser jiehu hsieb.

20.11.17 Il-kunsillier Karl qal li l arċipriet kien bghat emejl dwar ghajnuna ta fondi ghal-festa u nghadna ma wegibniehx.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

20.11.18 Il-kunsilliera Valerie saqsiet fiex waslu il-bollard u jekk inzabghux u meta ser jitwahlu

20.11.19 Il-kunsilliera Valerie tenniet l iportanza ta mera fi Triq ir-Rebha ma l-iskola ghax hemm periklu.

20.11.20 Il-kunsilliera Valerie gibdet l attenzjoni tal kunsill sabiex jitwahhlu traffic signs ma tax-Xemx F/H.

20.11.21 Il-kunsilliera Valerie talbet ghal bozza solar fi Triq Anton Buttigieg.

20.11.22 Il-kunsilliera Valerie talbet sabiex tinzabar siġra fi Triq 28 ta'April.

20.11.23 Il-kunsilliera Valerie talbet sabiex jinghata l-ispray tal wirqien fl istes triq u kif ukoll in nahha tad D Bar u jiġu issiġillati it tappieri.

20.11.24 Il-kunsilliera Valerie talbet sabiex bhas sena ta qabel fil festa tinghalaq kull karreġġata bil barriers u titwahhlu id dwal maghhom.

20.11.25 Il-kunsilliera Valerie talbet sabiex il-laqghat online jitilghu fuq il website.

20.11.26 Il-kunsilliera Valerie talbet sabiex fi triq Hondoq titlesta u jitnehhew il blokok.

20.11.27 Il-kunsilliera Valerie sahqet li honqod sar kollu caravans, kayaks u parking bl addoċċ. Is sindku wieġeb li ma ghandniex say fuq Hondoq. Talbitu biex ikellem lis sidien u l kuntratturi. Karl qal li ghanda issir laqgha mat TM dwar dan. Valerie sahqet li hemm hafna zejt fil bahar, bis sindku jghid li dejjem prova jnaddaf imma kien jiġi mwaqqaf ghax hemm art privata. Il Gvern ghandu biss ir ramel u s siment. Valerie tenniet li in nies qed igergru hafna dwar dan.

20.11.28 Il-kunsilliera Valerie is-sekondat iz Zebra Crossing tal-ground. U talbet ohra quddiem l iskola.

## 20.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

20.12.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-18.55 pm. Il-laqgħa li imiss hija skedata għat-26 ta' Awwissu 2025 fil-5:00 ta' filgħaxija.

20.12.2 Dawn il-Minuti ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv Jevon Attard.

| | |
|---|---|
| Iffirmata | iffirmatra |
| Paul Buttigieg J<br>Sindku | Jevon Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt